



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Dokument ta' sessjoni

A7-0217/2010

29.6.2010

***|

RAPPORT

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda d-Direttiva 2009/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-prospetti statistiċi fir-rigward tat-trasport ta' merkanzija u passiġġieri bil-baħar (COM(2010)0065 – C7-0068/2010 – 2010/0041(COD))

Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu

Rapporteur: Brian Simpson

Tifsira tas-simboli użati

- * Proċedura ta' konsultazzjoni
- *** Proċedura ta' approvazzjoni
- ***I Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari)
- ***II Proċedura legiżlattiva ordinarja (it-tieni qari)
- ***III Proċedura legiżlattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz ta' att.)

Emendi għal abbozz ta' att

Fl-emendi li jsiru mill-Parlament, it-test emendat huwa indikat b'tipa **grassa u korsiva**. Test *korsiv normali* huwa indikazzjoni għas-servizzi tekniċi li turi partijiet tal-abbozz ta' att li għalihom qed tkun proposta korrezzjoni bl-iskop li tgħin fil-preparazzjoni tat-test finali (pereżempju, żbalji ovvji jew nuqqasijiet f'verżjoni lingwistika partikolari). Il-korrezzjonijiet proposti huma soġġetti għall-qbil tas-servizzi tekniċi involuti.

L-intestatura ta' kwalunkwe emenda għal att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, ikun fiha t-tielet u r-raba' linji li jidendifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att. Il-partijiet li jittieħdu kif inħuma minn dispożizzjoni eżistenti li l-Parlament jixtieq jemenda, imma li l-abbozz ta' att ma jkunx emenda, huma indikati b'tipa **grassa**. It-tħassir eventwali li jikkonċerna dawn il-partijiet jiġi indikat kif ġej: [...].

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW	5
NOTA SPJEGATTIVA.....	10
PROĊEDURA.....	11

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda d-Direttiva 2009/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-prospetti statistiċi fir-rigward tat-trasport ta' merkanzija u passiġġieri bil-baħar
(COM(2010)0065 – C7-0068/2010 – 2010/0041(COD))

(Proċedura ta' kodeċiżjoni: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2010)0065),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 338(1) tat-Trattat FUE, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C7-0068/2010),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli tal-Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni għat-Trasport u t-Turiżmu (A7-0217/2010),
 1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;
 2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sostanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

Emenda 1

**Proposta għal regolament – att li jemenda
Premessa 7 a (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(7a) Il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 290 tat-Trattat FUE fir-rigward ta' ċerti regoli dettaljati għall-implementazzjoni tad-Direttiva 2009/42/KE. Huwa ta' importanza partikulari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma preparatorja tagħha inkluż fil-livell ta' esperti.

Ġustifikazzjoni

Qed tiġi proposta sensiela ta' emendi bil-ġħan li d-dispożizzjonijiet dwar il-proċedura regolatorja bi skrutinju jiġu adattati għar-regoli l-ġoddha dwar l-atti delegati introdotti bit-Trattat ta' Lisbona.

Emenda 2

Proposta għal regolament – att li jemenda

Artikolu 1 – punt -1 (ġidid)

Direttiva 2009/42/KE

Artikolu 3 – paragrafu 4 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

*(-1) Fl-Artikolu 3(4), it-tieni subparagrafu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:
“Il-Kummissjoni tista' tadotta dawk il-miżuri permezz ta' atti delegati skont l-Artikolu 10a u bil-kundizzjonijiet tal-Artikoli 10b u 10c.”*

Emenda 3

Proposta għal regolament – att li jemenda

Artikolu 1 – punt -1 a (ġidid)

Direttiva 2009/42/KE

Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

*(-1a) Fl-Artikolu 4(1), it-tieni subparagrafu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:
“Il-Kummissjoni tista' tadotta dawk il-miżuri permezz ta' atti delegati skont l-Artikolu 10a u bil-kundizzjonijiet tal-Artikoli 10b u 10c.”*

Emenda 4

Proposta għal regolament – att li jemenda

Artikolu 1 – punt -1 b (ġidid)

Direttiva 2009/42/KE

Artikolu 5 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

**(-1b) Fl-Artikolu 5, it-tielet paragrafu
għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:**

**“Il-Kummissjoni tista’ tadotta dawk il-
miżuri permezz ta' atti delegati skont l-
Artikolu 10a u bil-kundizzjonijiet tal-
Artikoli 10b u 10c.”**

Emenda 5

Proposta għal regolament – att li jemenda

Artikolu 1 – punt -1 c (ġidid)

Direttiva 2009/42/KE

Artikolu 10 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

**(-1c) Fl-Artikolu 10, il-paragrafu 3
għandu jitħassar.**

Emenda 6

Proposta għal regolament – att li jemenda

Artikolu 1 – punt -1 d (ġidid)

Direttiva 2009/42/KE

Artikolu 10a (ġidid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

**(-1d) L-artikolu li ġej għandu jiddahħħal;
“Artikolu 10a**

L-eżerċitar tad-delega

**1. Is-setgħa li tadotta atti delegati
msemmija fl-Artikoli 3(4), 4(1) u 5(3)
għandha tingħata lill-Kummissjoni għal
perjodu ta' ħames snin minn *. Il-
Kummissjoni għandha tħejji rapport fir-
rigward tas-setgħat delegati mhux aktar
tard minn sitt xħur qabel tmiem il-perjodu
ta' ħames snin.**

**Id-delegazzjoni tas-setgħat għandha
tiġġedded awtomatikament għal perjodi
ta' żmien identiċi, ħlief jekk il-Parlament**

Ewropew jew il-Kunsill jirrevokawha skont l-Artikolu 10b.

2. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tagħmel notifika tiegħu simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

3. Is-setgħa li tadotta atti delegati għandha tiġi konferita lill-Kummissjoni bil-kondizzjonijiet stipulati fl-Artikoli 10b u 10c.

** ĠU: jekk jogħġibok dāħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament (COD 2010/0041).*

Ġustifikazzjoni

L-għan tal-emenda orali hu li tagħmel it-test konformi mad-diskussionijiet li għaddejjin bħalissa bejn il-Kunsill u l-Parlament Ewropew dwar fajls simili oħra. Dan għandu jiffaċilita l-il-hiq ta' ftehim bikri fl-ewwel qari.

Emenda 7

Proposta għal regolament – att li jemenda

Artikolu 1 – punt -1 d (ġidid)

Direttiva 2009/42/KE

Artikolu 10b (ġidid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 10b

Ir-revoka tad-delegazzjoni

- 1. Id-delegazzjoni tas-setgħat imsemmija fl-Artikoli 3(4), 4(1) u 5(3) tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. L-istituzzjoni li tkun bdiet il-proċedura interna għad-deċiżjoni dwar jekk għandhiex tiġi revokata d-delega tas-setgħat, għandha timpenja ruħha biex tinforma lill-istituzzjoni l-oħra u lill-Kummissjoni fi żmien raġonevoli qabel ma tittieħed deċiżjoni finali, b'indikazzjoni tad-delega tas-setgħat li tista' tkun suġġetta għal revoka u r-raġunijiet possibbli għal dan.*
- 3. Id-deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega ta' setgħat speċifikati f'dik id-*

deċiżjoni. Għandha tidħol fis-seħħ minnufih jew f'data aktar tard spċifikata fiha. Ma għandhiex taffettwa l-validità tal-atti delegati digħi fis-seħħ. Għandha tiġi ppubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Emenda 8

Proposta għal regolament – att li jemenda

Artikolu 1 – punt -1 d (ġidid)

Direttiva 2009/42/KE

Artikolu 10c (ġidid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 10c

Oġġezzjonijiet għal atti delegati

1. Il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill jista' jogżejjjona għal atti delegat fi żmien xahrejn mid-data tan-notifika.

Fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill dan il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn.

2. Jekk, meta jiskadi dak il-perjodu, la l-Parlament Ewropew u lanqas il-Kunsill ma jkunu ogħejżżonaw għall-att delegat, dan għandu jiġi ppubblikat f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u għandu jidħol fis-seħħ fid-data msemija fih. L-att delegat jista' jiġi ppubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u jidħol fis-seħħ qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu jekk il-Parlament Ewropew u l-Kunsill it-tnejn ikunu infurmaw lill-Kummissjoni bl-intenzjoni tagħhom li ma jqajmux oġġezzjonijiet.

3. Jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill jogżejjonaw għal atti delegat, dan ma għandux jidħol fis-seħħ. L-istituzzjoni li toġżejjon għandha tiddikjara r-raġunijiet għaliex oġġezzjonat għall-att delegat.

NOTA SPJEGATTIVA

L-objettivi tal-proposta

L-iskop ta' din il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill hu li tiġi emendata d-Direttiva 2009/42/KE sabiex il-ġbir ta' data skont it-tip ta' merkanzija jsir mandatorju għall-istatistiċi dwar it-trasport marittimu. Bħalissa din id-data tinġabar fuq bażi volontarja minn 18-il Stat Membru. Humes Stati Membri m'għandhomx kosta marittima u ma jipprovd u ebda data skont dik id-Direttiva. Fil-parti l-kbira tal-każijiet, il-ġbir tad-data relevanti mhu se jipponi ebda piżżejjed fuq dawk li jwieġbu peress li l-Istati Membri kkonċernati għandhom ikunu kapaċi jiġbru d-data billi jużaw sorsi ta' data diġà eżistenti (pereżemju dokumenti tad-dwana).

Il-ġbir ta' data skont it-tip ta' merkanzija huwa mandatorju għall-istatistiċi Ewropej dwar it-trasport bit-triq, ferrovjarju u dak fuq passaġġi tal-ilma interni.

L-istatistiċi Ewropej dwar il-mezzi kollha tat-trasport għandhom jinġabru skont il-kunċetti u l-standards komuni, bl-għan li tinkiseb l-ogħla kumparabbiltà prattikabbli bejn il-mezzi ta' trasport. B'mod partikolari, id-disponibbiltà ta' statistiċi komprensivi u omoġjeni skont it-tip ta' merkanzija għall-mezzi kollha ta' trasport tkun tipprovd qafas ġenerali meħtieġ biex jappoġġa u jissorvelja l-promozzjoni politika tal-komodalità, jiġifieri l-possibbiltà li l-mezzi diversi ta' trasport jingħaqdu bl-aħjar mod fi ħdan l-istess katina ta' trasport, u l-modernizzazzjoni tal-loġistiċi tat-transport tal-merkanzija.

Il-proposta hija maħsuba biex tiġi applikata għall-ewwel darba għad-data tal-2011.

L-evalwazzjoni u r-rakkomandazzjonijiet tar-rapporteur

Ir-rapporteur jappoġġa l-proposta tal-Kummissjoni u ma jissuġġerixxi ebda emenda dwar il-suġġett tagħha.

Madankollu, peress li d-Direttiva 2009/42/KE li qed tiġi emendata tinkludi dispożizzjonijiet dwar il-proċedura regolatorja bi skrutinju, ir-rapporteur jixtieq jiġbed l-attenzjoni dwar il-possibilità li dawn id-dispożizzjonijiet jiġu adattati għar-regoli l-ġoddha dwar l-atti delegati introdotti mit-Trattat ta' Lisbona bil-għan li jissaħħu s-setgħat tal-Parlament Ewropew f'dan il-qasam. B'kunsiderazzjoni ta' dan u b'kunsiderazzjoni tal-fatt li l-Kummissjoni m'għandhiex il-ħsieb li tiproponi proposta omnibus li titratta l-kwistjoni tal-atti delegati f'livell iktar orizzontali, ir-rapporteur jissuġġerixxi li titqies sensiela ta' emendi dwar l-atti delegati.

PROĊEDURA

Titolu	Emenda tad-Direttiva 2009/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-prospetti statistiċi fir-rigward tat-trasport ta' merkanzija u passiġġieri bil-baħar
Referenzi	COM(2010)0065 – C7-0068/2010 – 2010/0041(COD)
Data meta ġiet ippreżentata lill-PE	8.3.2010
Kumitat responsabbi Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	TRAN 11.3.2010
Rapporteur(s) Data tal-ħatra	Brian Simpson 22.3.2010
Eżami fil-kumitat	21.6.2010
Data tal-adozzjoni	22.6.2010
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: -: 0: 33 0 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Inés Ayala Sender, Georges Bach, Antonio Cancian, Luis de Grandes Pascual, Christine De Veyrac, Saïd El Khadraoui, Ismail Ertug, Jacqueline Foster, Mathieu Grosch, Jim Higgins, Ville Itälä, Georgios Koumoutsakos, Werner Kuhn, Jörg Leichtfried, Gesine Meissner, Hella Ranner, Vilja Savisaar, Brian Simpson, Keith Taylor, Silvia-Adriana Țicău, Thomas Ulmer, Dominique Vlasto, Artur Zasada
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Zigmantas Balčytis, Philip Bradbourn, Frieda Brepoels, Spyros Danellis, Jelko Kacin, Dominique Riquet, Alfreds Rubiks, Janusz Władysław Zemke
Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Morten Løkkegaard, Traian Ungureanu
Data tat-tressiq	29.6.2010